Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2004

Numru. 568/2003

**Il-Pulizija**
**(Sp. Dennis Theuma)**

**v**

**Charmaine White ta' 21 sena bint Louis u Grace nee Cutajar imwielda Pieta' fit-18 ta' Frar, 1982 u residenti 'Sonia', Triq Sant'Antnin l/o Zabbar u bin-numru tal-identita' 132682 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Charmaine White li giet akkuzata talli f'dawn il-gzejjer fil-gurnata ta' 23 ta' Gunju, 2003 minn gol-blokk amministrattiv tal-kumpanija Cutajar Ltd. gewwa Triq l-Akkwadott l/o Birkirkara serqet deposit bag li kien fih ammont ta' flus kontanti u cekkijiet li l-valur komplessiv taghhom huwa ta' Lm 3985.91 ghad-dannu ta' l-istess kumpanija Cutajar Ltd. liema delitt huwa aggravat bil-valur u bil-persuna. Dan kollu bi ksur tal-artikoli 267 u 268 (a) rispettivament tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal tal-llum u cioe r-ritron tar-res furtiva. Rat li kkoperat mal-Pulizija u c-cirkostanzi familjari ta' Charmaine White.

Rat il-fedina penali taghha.

Rat li l-ammissjoni fi stadju bikri ta' interrogatorju.

Rat l-artikolu 267, 268, 277, 278 tal-Kapitlu 9. Ma tqisx li Charmaine White timmerita piena karcerarja.

Ghalhekk qeghda tapplika l-artiklu 22 tal-Kapitlu 446 u tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena mil-llum.

Il-Qorti spjegat is-sinifikat tas-sentenza lil Charmaine White.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------